**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 26 ta` Gunju 2018**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 871/2018 JZM fl-ismijiet :**

**Joseph Fenech**
**[K.I. Nru 0417879M)**

***kontra***

**John Cassar**
**[K.I. Nru 238661M]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimat fl-24 ta` Mejju 2018.

Mar-rikors, kienu prezentati dokumenti.

Fl-24 ta` Mejju 2018, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat, taghtu ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u

appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar it-Tnejn 12 ta` Gunju 2018 fis-1.00 p.m.

L-intimat kien notifikat fl-1 ta` Gunju 2018 u pprezenta risposta fit-8 ta` Gunju 2018 fejn ikkontesta r-ragunijiet ghat-talba tar-rikorrent.

Ir-rikors kien ittrattat fl-udjenza tat-12 ta` Gunju 2018 u thalla sabiex ghall-ghoti ta` provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-rikors, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimat sabiex jinzamm milli :-

***jbiegh, jassenja u/jew jittrasferixxi bi kwalsiasi titolu lil terzi l-lock up garage f`semi basement level tal-kumpless internament immarkat bin-numru sebgha (7) li jesa zewg karozzi, liema garaxx jifforma parti minn kumpless ta` sebgha garaxxijiet. Dan il-garaxx jinsab faccata tar-rampa hekk kif tidhol mir-rampa komuni li taghti ghal fuq Triq Tumas Galea Birkirkara u jinkludi d-dritt in perpetwu u trasferibbli biss mal-istess garage ta` access bil-vettura u bir-rigel minn fuq ir-rampa kollha u dik il-parti tad-drive in li hi necessarja sabiex ix-xerrej bhala sid tal-garaxx ikollu access bil-vettura u bir-rigel ghall-garaxx tieghu minn Triq Tumas Galea, Birkirkara.***

## III. Ir-ragunijiet tar-rikorrent

**Fil-qosor**, ir-rikorrent ighid illi kellu zewg konvenji mal-intimat, it-tnejn iffirmati fid-9 ta` Gunju 2015. L-ewwel konvenju kien ghall-akkwist ta` *maisonette semi-finished* fi Blokk C ta` kumpless li qieghed fi Triq Tumas Galea, Birkirkara. It-tieni konvenju kien ghall-akkwist ta` garage sottopost ghal din l-maisonette. Skont ir-rikorrent, iz-zewg konvenji huma marbuta flimkien b`tali mod illi l-akkwist tal-maisonette ma jistax isir minghajr l-akkwist tal-garage. Il-konvenji kellhom termini diversi, b`dak tal-maisonette jaghlaq l-ewwel. L-intimat kien interpellat b`ittra ufficjali sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgh tal-maisonette u ghaliex ma resaqx kellha ssir il-kawza fl-ismijiet : 101/2017 - *Joseph*

*Fenech vs John Cassar*. Ikompli jsostni r-rikorrent li meta kienet qeghda toqrob id-data tal-iskadenza tal-konvenju tal-garage, ipprezenta l-ittra uffijcali nru 1382/2018 fejn l-intimat kien interpellat jaccetta estensjoni tal-konvenju ghat-trasferiment tal-garage in vista li kienet tissussisti **kondizzjoni sospensiva** minhabba l-konvenju dwar il-bejgh tal-maisonette. L-intimat baqa` ma resaqx ghall-estensjoni tal-konvenju. Ghallhekk ir-rikorrent ghamel kawza sabiex il-konvenju tal-garage jibqa` fis-sehh sakemm isehh l-kondizzjoni sospensiva. Ghalhekk it-talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

## IV. L-opposizzjoni tal-intimat

**Fil-qosor**. Skont l-intimat, kien patwit bejn il-partijiet illi l-konvenju tal-garage jibqa` validu sad-9 ta` Gunju 2018, u ma kienet kontemplata ebda estensjoni. Minflok mexa ma` li jghid l-Art 1357(2) tal-Kap 16, ir-rikorrent pprezenta ittra ufficjali fejn interpellah biex jersaq ghal estensjoni tal-konvenju, u ghax ma resaqx ghall-estensjoni, imbaghad ipprezenta r-rikors guramentat Nru. 515/2018 LM fejn ma ghamel ebda talba biex huwa jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgh. Min-naha tieghu huwa dejjem kien dispost jersaq ghall-kuntratt sad-9 ta` Gunju 2018 izda mhux wara ghaliex il-konvenju baqa` validu biss sa dik id-data, ladarba ma kien fih ebda kondizzjoni sospensiva, ladarba ma saret ebda l-ittra ufficjali kif irid l-Art 1357(2) tal-Kap 16, u ladarba ma saret ebda kawza sad-9 ta` Gunju 2018 fejn kien interpellat jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali. Minflok kondizzjoni sospensiva [Art 1063(1) tal-Kap 16], kien hemm kondizzjoni risoluttiva [Art 1066(1) tal-Kap 16] fis-sens illi jekk ma jsirx il-kuntratt sad-9 ta` Gunju 2018, ir-rabta bejn il-partijiet tintemm. Skont l-intimat huwa gab dan kollu ghall-konjizzjoni tar-rikorrent b`ittra ufficjali tat-22 ta` Mejju 2018.

## V. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-*

*rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza milli ("***m`ghandhiex***") tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent ;

ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrent ghandu dawk il-jeddijiet ;

iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrent ikun irrimedjabbli.

Billi fil-procedura tal-lum, it-talba ghall-hrug tal-Mandat tittratta dwar propjeta` mmobbli, tkun necessarja l-applikazzjoni tal-**Art 874(2) tal-Kap 12**, fil-kaz li t-talba tkun milqugha.

## VI. Gurisprudenza

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb</u> <u>noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VII. <u>Fatti</u>

Kienu prezentati zewg konvenji bejn l-istess partijiet, it-tnejn bl-istess data, wiehed ghall-akkwist mir-rikorrent ta` maisonette u l-iehor ghall-akkwist mir-rikorrent ta` garage, li jaghmel parti mill-kumpless ta` bini fejn hemm il-maisonette.

Il-konvenju tal-bejgh tal-maisonette favur ir-rikorrent kien validu sad-9 ta` Marzu 2016.

Bhala fatt, dan il-konvenju ma jinkludi l-ebda klawsola li torbot mal-konvenju l-iehor bejn il-partijiet.

Fil-konvenu dwar il-bejgh tal-garage hemm dawn il-pattijiet :

*" … illi jekk kemm il-darba il-kompratur ikun irid jiehu l-pussess ghal uzu esklussiv tieghu tal-garage tul it-terminu tal-konvenju, dan ghandu minnufih jaghmel pagament ta` hdax il-elf u sitt mitt ewro fis-sena (ghat-terminu tal-konvenju) liema pagamenti ghandhom jitnaqqsu mill-ammont finali tal-prezz tal-bejgh …"*

Illi l-konvenju kellu *jibqa` validu sad-disgha (9) ta` Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018).*u sad-9 ta` Gunju 2018.

Illi :

*"L-obbligu tal-kompratur li jersaq ghal kuntratt finali huwa suggett li jixtri maisonette fl-istess kumpless mill-venditur. F`kaz li l-kompratur ma jkunx akkwista l-maisonette dan l-konvenju jigi awtomatikament null."*

Fit-23 ta` April 2018, kienet prezentata ittra ufficjali nru. 1382/2018 fejn ir-rikorrent interpella lill-intimat sabiex jersaq ghal estensjoni tal-konvenju tal-bejgh tal-garage, stante li t-talba sabiex l-intimat jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali dwar il-bejgh ta` l-maisonette kienet ghadha *sub judice* fil-kawza Rik. Nru. 101/2017 AF.

Kontestwalment mar-rikors odjern, ir-rikorrent ipprezenta l-kawza Rik. Gur. Nru. 515/2018 LM fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenju tad-9 ta` Gunju 2018 dwar il-garage kellu jibqa` *in vigore* sakemm isehh l-kondizzjoni sospensiva u cioe` dik marbuta mal-bejgh tal-maisonette.

Kienet ipprezentata kopja ta` ittra ufficjali datata 22 ta` Mejju 2018, fejn l-intimat wiegeb ghall-ittra ufficjali tar-rikorrent tal-23 ta` April 2018, billi waqt li cahad li l-kondizzjoni kienet sospensiva izda afferma li kienet risoluttiva, widdeb lir-rikorrent li kien lest jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgh tal-garage.

## VIII. Nullita`

L-intimat ighid illi r-rikors odjern huwa null ghaliex mhux sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 874(2) tal-Kap 12 ghaliex kull ma hemm fir-rikors huwa l-isem tal-persuna u n-numru tal-karta tal-identita` tieghu.

Il-Qorti rat l-Art 874 tal-Kap 12.

Rat ukoll l-Art 831 tal-Kap 12.

Tghid li r-rikors huwa konformi mal-Art 831 tal-Kap 12.

Rat ukoll l-Art 789(1) tal-Kap 12.

Ma ssib l-ebda nullita`.

Jirrizulta illi fl-*occhio* tar-rikors mhux indikati d-dettalji kollha tal-intimat, u li huma rikjesti skont il-ligi dwar ir-registrazzjoni ta` trasferiment ta` proprjetà immobbli.

Fl-istess waqt l-Art 874(2) tal-Kap 12 ma jghidx illi l-karenza ta` dawk il-partikolaritajiet iggib in-nullita` tar-rikors.

Ghalkemm ir-rikorrent ma osservax il-forma, ma jirrizultax li dak in-nuqqas ikkaguna xi pregudizzju lill-intimat.

L-iskop ghall-indikazzjoni tal-partikolarijiet huwa sabiex tigi assikurata c-certezza tal-persuna tal-intimat bil-ghan illi jekk tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat tinzamm il-persuna proprija milli tbiegh, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tigi ndikata fir-rikors b`titolu oneruz jew gratuwitu, u mhux xi persuna ohra.

Fil-kaz tal-lum kien indikat l-isem, kunjom u n-numru tal-karta tal-identita` tal-identita` tal-intimat.

L-intimat mhux qed ighid li n-numru tal-karta` tal-identita` tieghu hija zbaljata jew li mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent.

Ghalkemm kien ikun ahjar, u aktar konformi mal-kliem tal-ligi li kieku r-rikorrent ondika il-partikolarijiet kollha tal-intimat, u mhux illimita ruhu ghan-numru tal-karta tal-identita`, fl-istess waqt il-fatt li hekk sar ma jgibx in-nullita` tar-rikors promotur.

Del resto ladarba huwa pacifiku li n-numru tal-karta tal-identita` ta` cittadin imwieled fil-Gzejjer Maltin huwa identiku ghan-numru tat-twelid tieghu, minn dan tal-ahhar wiehed jasal minghajr diffikulta` ghall-partikolarijiet l-ohra tal-persuna koncernata.

Huwa wkoll pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi n-nullita` ta` l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas fl-att – formali jew sostanzjali – ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali.

**L-eccezzjoni tan-nullita` hija michuda.**

## IX. <u>Risultanzi</u>

**Il-Qorti sejra tqis jekk jirrizultax l-ewwel rekwizit u cioe` il-jedd *prima facie* tar-rikorrent.**

**Jekk jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis is-sussistenza o meno tar-rekwiziti l-ohra.**

**Jekk ma jirrizultax, allura jkollha tieqaf hawn ghaliex il-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra ssir esercizzju nutili propju ghaliex kif diga` nghad ir-rekwiziti huma kumulattivi mhux**

**alternattivi, u allura jekk imqar rekwizit wiehed ikun nieqes, il-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat.**

**1. <u>L-ewwel rekwizit</u>**

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, il-partijiet, kull wiehed mill-perspettiva tieghu, ittrattaw il-kwistjoni ta` jekk fir-rabta ta` bejniethom kienx hemm kondizzjoni sospensiva (tesi tar-rikorrent) jew kienx hemm kondizzjoni risoluttiva (tesi tal-intimat).

Din il-Qorti mhijiex sejra tesprimi ruhha dwar din il-materja, ghaliex fi procediment ta` din ix-xorta, mhijiex mistennija taghmel analizi tan-natura guridika ta` kondizzjonijiet li l-partijiet seta` dehrilhom li kellhom jinkludu fil-pattijiet ta` bejniethom.

Jekk taghmel hekk, tkun qeghda tmur oltre l-parametri ta` l-procediment odjern u tidhol fil-mertu, mansjoni din li ma tispettax lilha izda tispetta lil dik il-Qorti li sejra tqis il-mertu tal-jedd.

Il-Qorti sejra tillimita ruhha ghall-atti.

Ir-rikorrent ipprezenta zewg konvenji li ghandu mal-intimat : wiehed ghall-akkwist ta` maisonette ; u iehor ghall-akkwist ta` garage.

Ghalkemm it-tnejn saru fl-istess jum u cioe` fid-9 ta` Gunju 2015, iz-zewg konvenji ma jaghmlu l-ebda referenza wiehed ghall-iehor, u ma fihom l-ebda klawsoli fejn <u>**specifikament**</u> konvenju jirreferi ghall-konvenju l-iehor.

L-istanza odjerna tirrigwarda l-konvenju dwar il-bejgh tal-garage.

Jirrizulta li l-kuntratt tal-maisonette ghadu ma sarx, ghaliex hemm kawza bejn il-partijiet dwar dan il-fond i.e. Rik. Gur. Nru. 101/2017 AF fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut jersaq ghall-bejgh tal-maisonette.

Anke dwar il-garage hemm kawza li kienet prezentata kontestwalment mal-presentata tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat. Fil-

kawza dwar il-garage, ir-rikorrent qed jitlob lill-Qorti sabiex tordna l-estensjoni tal-konvenju dwar l-akkwist tal-garage, ladarba l-akkwist tal-maisonette ghadu ma sarx minhabba l-kawza li hija pendenti.

Ir-rikorrent qieghed jistrieh fuq il-kondizzjoni fil-konvenju tal-garage li tghid :

*L-obbligu tal-kompratur li jersaq ghal kuntratt finali huwa suggett li jixtri fl-istess kumpless mill-venditur. Fil-kaz li l-kompratur ma jkunx akkwist l-maiso0nette, dan il-konvenju jigi awtomatikament null.*

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi r-rekwizit tal-jedd *prima facie* huwa sodisfatt.**

Il-klawsola citata tolqot liz-zewg partijiet.

Ir-rikorrent jishaq li tant irid jixtri l-maisonette illi ghamel kawza lill-intimat biex jersaq ghall-kuntratt. Ir-rikorrent ipproceda b`dik il-kawza qabel id-9 ta` Gunju 2018. Ma jistax jinghad li l-konvenju tal-garage huwa null ghaliex l-akkwist ghadu ma sarx in vista tal-kawza li hemm pendenti dwar il-maisonette.

Ghall-fini tal-procediment tal-lum, mhux rilevanti x`metodu gudizzjarju ghazel ir-rikorrent biex jikkawtela l-jedd tieghu skont il-konvenju dwar il-bejgh tal-garage. Kienx idoneju nkella le trid tarah il-Qorti li sejra tiddeciedi dwar il-mertu tal-jedd ; certament mhux din.

Dan ifisser li kull argument li gab l-intimat fil-procediment tal-lum dwar l-applikazzjoni tal-Art 1357(2) tal-Kap 16 ghandha tingieb quddiem il-Qorti li sejra tippronunzja ruhha dwar il-mertu tal-jedd.

**Sejra tghaddi ghall-analizi tar-rekwiziti l-ohra.**

**Tibda mir-rekwizit tal-*<u>htiega tar-rikorrent.</u>***

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"<u>Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>"** din il-Qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**ara wkoll** : il-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Borg Grech vs Gasan et noe**").

**Fil-kaz tal-lum ir-rekwizit tal-*htiega* huwa ppruvat.**

Jirrizulta li r-rikorrent ma jridx danni mill-intimat izda jrid li dan jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgh maisonette (l-ewwel kawza) sabiex wara jakkwista l-garage wkoll ; ghalhekk talab l-estensjoni tal-konvenju tal-garage (it-tieni kawza).

L-element tal-htiega jissussisti ghaliex bil-Mandat fis-sehh ir-rikorrent ikun jista` jassikura ruhhu b`mod effettiv illi jekk il-kawza fil-mertu dwar il-jedd tkun deciza favur tieghu tkun tista` tigi enforzata **tabilhaqq** kontra l-intimat.

**Nigu issa ghall-element tal-*pregudizzju rrimedjabbli tar-rikorrent.***

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli. Il-Qorti hija tal-fehma illi f`kaz tax-xorta bhal dak tal-lum jekk l-intimat ma jkunx inibit bil-mod kif qieghed jintalab, in-natura tal-pregudizzju li jgarrab ir-rikorrent fl-esekuzzjoni tal-jedd *prima facie* naxxenti mill-konvenju jkun tali li kwazi kwazi jgib dak il-jedd fix-xejn ghaliex fil-kuntest tieghu dak il-jedd prattikament jintilef u difficilment jissewwa xort`ohra. Jekk l-intimat ma jkunx inibit, eventwali trasferiment tal-garage da parti tal-intimat lil terzi in bona fede fil-mori tal-kawza dwar l-estensjoni tal-konvenju tal-konvenju in kwistjoni jiftah xenarju ta` litigazzjoni b`esitu u konsegwenzi ghal kollox imprevedibbli.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat kif mitlub fir-rikors odjern.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jiehu hsieb in-notifika tan-nota ta` iskrizzjoni skont il-ligi.**

**Tordna li  l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**